MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2004

Numru 489/2002

**Il-Pulizija**
(Spettur Martin Sammut)
**vs**
**Jamal Badawi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jamal Badawi ta' 21 sena, iben Ragab u Hawa nee' Gadi, imwieled nhar is-19 ta' Lulju 1981, Atheni Grecja u residenti prezentament gewwa il-Facilita Korrettiva ta' Kordin u li l-ahhar indirizz maghruf tieghu qabel ma ddahhal il-habs kien Numru 50, Appartament 7, Telgha ta' B'Kara San Giljan. Dettentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 23508A u passaport Libjan numru 210946.
Talli nhar it-18 ta' Gunju 2002 f'xi hin bejn in-nofs siegha ta' filghodu u s-siegha ta' filghodu, gewwa Triq Paceville u

Triq Gort San Giljan, l-Ghassa tal-Pulizija San Giljan u inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer;

1. Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq persuna ta' PS 547 Martin Agius, PC 473 Martin Gatt u PC 465 Daniel Abela, inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur ta' Artikolu 95 ta' kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra PC 473 Martin Gatt, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita kompetenti u dan bi ksur ta' Artikoli 96 u 97 ta' kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' delitt billi minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja fil-periklu car, ittanta jikkaguna hsara fil-gisem ta' Donna Dimech u Alfred Mc Kay, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u dan bi ksur ta' Artikoli 214, 216 u 217 ta' kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Kellu f'idejh jew fuqu sikkina ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur ta' Artikolu 13 tal-kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna jew fil-hin li gie arrestat ghall-eghmil ta' xi delitt kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari u dan bi ksur ta' Artikolu 26 tal-kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe'l-vettura DON 282 ghad-dannu ta' Donna Dimech u persuni ohra, liema hsara teccedi l-ghaxar liri Maltin (Lm10) izda mhux aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50), u dan bi ksur ta' Artikolu 325 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor u dan bi ksur ta' Artikolu 338(m) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta’ Artikolu 338(dd) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
9. Fil-pubbliku qal kliem oxxen jew indicenti li jikkonsisti f’daghha jew ghamel atti jew gesti oxxeni u dan bi ksur ta’ Artikoli 338 (bb) u 342 ta’ kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
10. Ma obdix l-ordnijiet legittimi ta’ PS 547 u PC 473 persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallix jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b’mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b’xi mod iehor, u dan bi ksur ta’ Artikolu 338 (ee) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali.
Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi proceduri sommarja minn din il-Qorti.
Rat li fis-seduta ta’ llum l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih u l-Qorti fissritlu t-tifsira ta’ ammissjoni u taghtu zmien jahsibha.

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza u tal-Prosekuzzjoni kif ukoll ix-xhieda bil-gurament ta’ Mary Rose Farrugia li hi qed tiehu hsieb il-hati.

Rat l-artikoli 95, 214, 216, 217, 325, 338 (bb), 342 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Issibu hati tar-reati skond l-Artikoli msemmija. L-Artikoli 338(m), 338(dd), 338(ee) b’referenza ghal kontroverzjonijiet huma assorbiti fir-reati taht l-Artikoli l-ohra.

Rat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 u ser tapplikah stante li jirrizulta li qed jiehu kura ghal sahtu u sejjer tassew tajjeb u ghalhekk fil-waqt li ssibu hati tilliberah taht l-imsemmi Artikolu b’dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin m’illum u billi jattendi program biex jigi f’tieghu taht it-tmexxija tas-Sinjura Mary Rose Farrugia li ghanda tirraporta lill-Qorti dwar il-hati kull tlett (3) xhur jew fi zmien/zmienijiet li jidrilha mehtieg.

Il-Qorti tordna l-konfiska ta’ l-esebiti.

Taghti l-permess lil hati li jizbanka

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------